**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D.; M. Jur.**

Ir-Repubbblika ta' Malta

Vs

Christopher Sammut

Kumpilazzjoni Numru: 486/24

Illum 16 ta' Awwissu 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Avukat Generali u mill-Pulizija Ezekuttiva nhar it-8 ta' Gunju 2024 kontra:

**Christopher Sammut** ta' tnejn u hamsin (52) sena, iben Emanuel Sammut u Josephine xebba Ellul, imwieled Sqallija, l-Italja, nhar l-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elf disgħa mija tnejn u sebgħin (1972), bla indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0538772M.

**Akkuzat f'isem ir-Repubblika ta' Malta talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,:**

**Bejn il-lejl tad-disgħa u għoxrin (29) u t-tletin (30) t'April tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) minn ġewwa 117, Telgħet Gwardamanġa, tal-Pieta' u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

1. Bil-ħsieb li jisraq għad-dannu ta' **Philip Spiteri** u/jew **Josette Cauchi Spiteri** u/jew persuni naturali u/jew ġuridiċi oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liem delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, liem serq huwa kkwalifikat bil-**ħin**, bil-**mezz** u bil-**valur**, liem ammont jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37)[1];

2. U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe` fuq l-propjetà għad-detriment ta' **Philip Spiteri** u/jew **Josette Cauchi Spiteri** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250)[2];

---

[1] Artikoli 18, 20, 41(1)(a), 261(b)(ċ)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 279(b), 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 325(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Bejn il-lejl tal-ewwel (01) u t-tieni (02) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) u/jew il-ġranet ta' qabel, minn ġewwa Kingsgate House, Triq tal-Ħriereb, l-Imsida u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

3. Ikkommetta serq ta' flus, fost oġġetti oħra, liem serq huwa kkwalifikat bil-**ħin**, bil-**mezz** u bil-**valur**, liem ammont jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' **Christopher Stivala** u/jew **Emanuel Stivala** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra[3];

4. U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe` fuq l-propjetà għad-detriment ta' **Christopher Stivala** u/jew **Emanuel Stivala** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250)[4];

**Nhar it-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs) u is-siegħa ta' waranofsinhar (13:00hrs) minn ġewwa garaxx li jinstab bejn garaxx numru 8 u binja bl-isem ta' Mifsud Crt 2, Triq San Girgor, il-Pieta' u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

[3] Artikolu 18, 261(b)(ċ)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 279(b), 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] Artikolu 18, 325(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Ikkommetta serq ta' vettura Toyota Passo bin-numru tar-reġistrazzjoni BCE 149, liem serq huwa kkwalifikat, bil-**mezz**, bil-**valur u bix-xorta tal-haga misruqa**, liem ammont jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' **Jason Zammit** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra[5];

**Bejn il-lejl tal-għoxrin (20) u l-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) minn ġewwa 120, Little Einsteins Childcare, Triq il-Qattus, Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

6. Ikkommetta serq ta' flus, fost oġġetti oħra, liem serq huwa kkwalifikat bil-**ħin**, bil-**mezz** u bil-**valur**, liem ammont jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa udisgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' **Elizabeth Parnis** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra[6];

7. U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe` fuq l-propjetà għad-detriment ta' **Elizabeth Parnis** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra liema ammont tal-ħsara ma

[5] Artikolu 18, 261(b)(ċ)(g), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 271(g), 279(b), 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[6] Artikolu 18, 261(b)(ċ)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 279(b), 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

jiskorrix elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250)[7];

**Bejn il-lejl tat-tnejn u għoxrin (22) u t-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) minn ġewwa Mr Vindalu, Triq l-Abate Rigord, Ta' Xbiex u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

8. Ikkommetta serq ta' flus, fost oġġetti oħra, liem serq huwa kkwalifikat bil-**ħin**, bil-**mezz** u bil-**valur**, liem ammont jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa udisgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' **Mr. Vindalu Restaurant** u/jew **Jijomon Jose** u/jew **Amal Rajan Kurian** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra[8];

9. U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe` fuq l-propjetà għad-detriment ta' **Mr Vindalu Restaurant** u/jew **Jijomon Jose** u/jew **Amal Rajan Kurian** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250)[9];

[7] Artikolu 18, 325(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[8] Artikolu 18, 261(b)(ċ)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 279(a), 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[9] Artikolu 18, 325(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) bejn l-għaxra (22:00hrs) u l-ħdax u nofs (23:00hrs) ta' filgħaxija minn ġewwa 31, Level 4, 'Cavlamer Beauty Clinic', Sqaq it-Torri, Sliema u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

10. Ikkommetta serq ta' flus, fost oġġetti oħra, liem serq huwa kkwalifikat bil-**ħin**, bil-**mezz** u bil-**valur**, liem ammont jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' **Meir Assouline** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra[10];

11. U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe` fuq l-propjetà għad-detriment ta' **Meir Assouline** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250)[11];

**Bejn il-lejl it-tlieta u għoxrin (23) u l-hamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) u/jew fil-ġranet ta' qabel minn ġewwa 117, Telgħet Gwardamanġa, tal-Pieta' u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

12. Bil-ħsieb li jisraq għad-dannu ta' **Charmaine Cauchi** u/jew **Josette Cauchi Spiteri** u/jew persuni naturali u/jew ġuridiċi oħra,

[10] Artikolu 18, 261(b)(ċ)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 279(a), 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[11] Artikolu 18, 325(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liem delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, liem serq huwa kkwalifikat bil-**ħin**, bil-**mezz** u bil-**valur**, liem ammont jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37)[12];

13. U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe` fuq l-propjetà għad-detriment ta' **Charmaine Cauchi** u/jew **Josette Cauchi Spiteri** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250)[13];

**Bejn il-lejl tas-sitta u għoxrin (26) u s-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) minn ġewwa Be You Sha Hair Studio, Triq Mose' Gatt, Birkirkara, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

14. Ikkommetta serq ta' flus, fost oġġetti oħra, liem serq huwa kkwalifikat bil-**ħin**, bil-**mezz**, u liem ammont ma jeċċedix l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u dan għad-detriment ta' **Shalaine Mar-Jos Pullicino** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra[14];

---

[12] Artikoli 20, 41(1)(a), 261(b)(ċ)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 279(b), 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[13] Artikolu 325(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[14] Artikolu 18, 261(b)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 278(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

15. U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe` fuq l-propjetà għad-detriment ta' **Shalaine Mar-Jos Pullicino** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250)[15];

**Bejn il-lejl tat-tmienja u għoxrin (28) u d-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) minn ġewwa Students' House, L-Universita' ta' Malta, f'tal-Qroqq l-Imsida u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

16. Bil-ħsieb li jisraq għad-dannu ta' **l-Università ta' Malta** u/jew **Clint Shead** u/jew persuni naturali u/jew ġuridiċi oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liem delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, liem serq huwa kkwalifikat bil-**ħin**, bil-**mezz** u bil-**valur**, liem ammont jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment tal-**Università' ta' Malta** u/jew **Clint Shead** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra [16];

17. U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe` fuq l-propjetà għad-detriment tal-**Università' ta' Malta** u/jew **Clint Shead** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra liema

[15] Artikolu 18, 325(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[16] Artikoli 20, 41(1)(a), 261(b)(ċ)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 279(b), 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

ammont tal-ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250)[17];

**Bejn il-lejl tat-tletin (30) u l-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) minn ġewwa l-Maltese Olympic Commitee, Triq Maria Tereża Spinelli, l-Gżira u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

18. Ikkommetta serq ta' flus, fost oġġetti oħra, liem serq huwa kkwalifikat bil-**ħin**, bil-**mezz**, u liem ammont ma jeċċedix l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u dan għad-detriment ta' **Maltese Olympic Committe, Michaela Stivala** u/jew **Maria Victoria Cutajar Licari** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra[18];

19. U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe` fuq l-propjetà għad-detriment ta' **Maltese Olympic Committe**, **Michaela Stivala** u/jew **Maria Victoria Cutajar Licari** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250)[19];

[17] Artikolu 18, 325(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[18] Artikolu 18, 21, 261(b)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 270, 278(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[19] Artikolu 18, 325(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Bejn il-lejl tal-erbgħa (04) u l-ħamsa (05) ta' Ġunju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) minn ġewwa RVC Events Lighting, Triq San Ġorġ Preca u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

20. Ikkommetta serq ta' flus, fost oġġetti oħra, liem serq huwa kkwalifikat bil-**ħin**, bil-**mezz**, u liem ammont ma jeċċedix l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u dan għad-detriment ta' **Nigel Vella u David Engerer** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra[20];

21. U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe` fuq l-propjetà għad-detriment ta' **Nigel Vella u David Engerer** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250)[21];

**Bejn il-lejl tas-sitta (06) u s-sebgħa (07) ta' Ġunju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) minn ġewwa Lord's Gym, Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

22. Ikkommetta serq ta' flus, fost oġġetti oħra, liem serq huwa kkwalifikat bil-**ħin**, bil-**mezz**, u liem ammont ma jeċċedix l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin

[20] Artikolu 18, 261(b)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 278(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[21] Artikolu 18, 325(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

ċenteżmu (€232.94) u dan għad-detriment ta' **Steven Charles Abela** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra[22];

23. U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe` fuq l-propjetà għad-detriment ta' **Steven Charles Abela** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250)[23];

**Nhar is-sebgħa (07) ta' Ġunju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) bejn l-għaxra (22:00hrs) u l-ħdax u nofs ta' filgħaxija (23:30hrs) minn ġewwa Smiles Childcare Centre, Triq San Ġorġ, Naxxar u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

24. Bil-ħsieb li jisraq għad-dannu ta' **Silvio Gruppetta** u/jew persuni naturali u/jew ġuridiċi oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liem delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, liem serq huwa kkwalifikat bil-**ħin**, bil-**mezz** u bil-**valur**, liem ammont jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37)[24];

[22] Artikolu 18, 261(b)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 278(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[23] Artikolu 18, 325(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[24] Artikoli 20, 41(1)(a), 261(b)(ċ)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 279(b), 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

25. U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe` fuq l-propjetà għad-detriment ta' **Silvio Gruppetta** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250)[25];

**U nakkużawh ukoll talli matul ix-xhur ta' April u Mejju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u/jew fil-ġranet ta' qabel u/jew fil-ġimgħat ta' qabel u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

26. Renda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kienu misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilhu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Din l-Onorabbli Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' **Philip Spiteri, Josette Cauchi Spiteri, Charmaine Cauchi, Christopher Stivala, Emanuel Stivala, Jason Zammit, Elizabeth Parnis, Jijomon Jose, Amal Rajan, Kurian Meir Assouline, Clint Shead, Shalaine Mar-Jos Pullicino, Michaela Stivala, Maria Victoria Cutajar Licari, Steven Charles Abela, Silvio Gruppetta** u/jew xi persuna/i oħra billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat **Christopher Sammut** skont l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, hija mitluba

[25] Artikolu 325(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex kemm-il darba ssib ħtija fl-imputat għar-reati relattivi, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittmi.

Rat li l-imputat wiegeb hati tal-akkuzi fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2024 u dan wara li gie debitament imwissi skond il-ligi u inaghta cans jikkonsidra u jikkonsulta mal-avukat tieghu dwar il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni.[26]

Semghet lill-imputat jikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fl-istess seduta tat-08 ta' Gunju, 2024.

Rat illi wara li tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li tat lill-imputat zmien ragonevoli sabiex jerga' jikkonsulta mal-Avukat li qed jassistih f'dawn il-proceduri u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, u l-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputat reġa' ikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-akkużi migjuba kontra tieghu.

Rat l-atti kollha.

[26] Folio 8 sa 10 tal-process.

Rat il-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[27].

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat u qieset il-pre-sentencing report redatt mill-ufficjal tal-probation Mary Anne Zammit.[28]

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2024.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda tlettax-il serqa jew attentat ta' serqa maghmula mill-imputat bejn April u Gunju 2024 li sehhew f' dawn il-Gzejjer. It-total ta' flus u oggetti li insterqu f'dawn is-serqiet mhumiex indifferenti u hemm ukoll multiplicita' ta' vittmi li mill-atti jirrizulta li ghandhom ma gewx rimborsati.

Jidher ukoll li l-imputat ghandu problema serjissima ta' droga li matul iz-zmien wasslitu biex ixellef difrejh diversi drabi mal-gustizzja u anki spicca ghal perjodi ta' zmien mizmum fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

**Ikkunsidrat:**

[27] Folio 18 sa 45 tal-process.
[28] Dok M2 tal-process - folio MHUX NUMERAT.

Illi fis-seduta tat-08 ta' Gunju 2024, l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni huwa rega' ikkonferma wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, il-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, liema ammissjoni l-imputat wkoll ikkonferma wara illi l-Qorti tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li inghata il-hin mehtieg biex jikkonsulta dwar tali ammisjoni mal-avukat li qed tassistih.

Illi fuq tali ammissjoni l-akkuzi jinsabu pruvati u l-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Id-disposizzjonijiet legali li huma ta' l-aktar relevanza ghall-vertenza li ghandha quddiema din il-Qorti illum huma s-segwenti:

278.(1) Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"mezz" biss, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien **minn ħames xhur sa tliet snin**.

(2) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll b'waħda mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux diktal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija ma tingħatax fil-minimum tagħha.

(3) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll bi tnejn jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżdamhux b'dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija tiżdied bi grad uma tingħatax fil-minimum tagħha.

279.Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur" biss, jeħel –

(a) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa utletin ċenteżmu (€2,329.37), il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin;

(b) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), il-piena ta' priġunerija għal żmien minn **tlettax-il xahar sa seba' snin**:

Iżda meta għal xi raġuni msemmija fl-artikolu 325(2) majkunx possibbli li jiġi stmat il-valur tal-ħaġa misruqa, dak il-valurgħandu jiġi stmat li jkun jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37)

Il -piena ghar-reat ta' serq aggravat b'zewg kwalifici hija is-segwenti:

281.Il-ħati ta' serq ikkwalifikat biss bil-"persuna", bil-"lok",bil-"ħin" jew bix-"xorta tal-ħaġa misruqa", jeħel –

(a) jekk is-serq ikun akkumpanjat b'waħda biss mill-erba'kwalifiki hawn fuq imsemmija, il-piena ta' priġunerijagħal żmien minn **seba' xhur sa sentejn**;

(b) jekk is-serq ikun akkumpanjat bi tnejn minn dawk il-kwalifiki, l-istess piena, *iżda qatt fil-minimum tagħha*;[29]

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti fliet il-pre-sentencing report redatt mill-ufficjal tal-probation is-Sinjura Maryanne Zammit.

[29] Enfasi ta' din il-Qorti.

Minghajr dubbju l-imputat kellu infanzja difficli u adolexxenza ikkumplikata[30]. Madankollu din il-Qorti ma tistax ma taghrafx li hu ukoll mal-milja ta' zmien inghata diversi opportunitajiet biex jimxi fit-triq tas-sewwa[31] u ghal raguni jew ghal ohra hu baqa' isostni it-triq tad-dipendenza fuq id-drogi u s-serq. Il-Qorti ukoll jidhrilha li ghalkemm ghal diversi snin hu kellu relazzjonijiet problematici ma' dawk ta' madwaru f'dawn l-ahhar 20 sena kellu s-siehba tieghu, akbar minnu, li tidher urietu imhabba u support[32]. Madanakollu hu xorta wahda lanqas gharaf igib rispett lil Marthese Attard u baqa' fil-hajja tal-vizzji u d-delinkwenza.

Imbaghad f'pagna 13 tar-rapport tas-Sinjura Zammit insibu is-segwenti:

'*Minhabba l-istorja ta' dipendenza fuq droga u kif ukoll l-istorja ta' kriminalita' Christopher jitqies bhala persuna* ***b'riskju gholi li jikkommetti reati kriminali****, u dan urieh fic-car ghaliex f'qasir zmien mir-rilaxx tieghu huwa rega' beda jabbuza mid-droga u nvolva ruhu f' numru ta' reati kriminali. Dan minkejja li huwa segwa diversi programmi ta' riabilitazzjoni, kellu supervizjoni fil-komunita' u kellu aspetti socjali kif normalment mistenni.* ***Ghaldaqstant, huwa evidenti li l-ikkoncernat ghadu mhux lest li jghix b'mod liberu gewwa komunita' izda jehtieg li jinzamm f'ambjent ikkontrollat*** *u ghaldaqstant kien propju ghalhekk li kien rakkomandat b'mod esplicitu li l-Licenza tal-Parole kellha tigi irtirata.*'[33]

[30] Pagna 8 tar-rapport.
[31] Pagna 10 tar-rapport.
[32] Pagna 9 tar-rapport.
[33] Enfasi ta' din il-Qorti.

L-istess ufficjal fil-konkluzjoni taghha f' pagna 15 tirrikommanda li l-imputat jinghata '***piena karcerarja li tkun ghall-inqas bizzejjed sabiex ikollu l-opportunita' jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga, kif ukoll ghajnuna terapewtika u ghajnuna psikologika.***'

Il-Qorti fliet ukoll il-fedina penali tal-imputat li in succint fiha:

1. 2.2.96 – htija fuq pussess ta' drogi;
2. 5.9.96- htija fuq serq;
3. 4.12.97- htija fuq sewqan;
4. 21.10.05- htija fuq drogi;
5. 4.12.06- htija fuq serq;
6. 19.7.10- htija fuq serq;
7. 11.01.12- htija fuq serq u hsarat;
8. 21.3.12- htija fuq serq;
9. 26.10.12- htija ma ghobdiex lill-probation officer;
10. 28.3.19- htija fuq serq;[34]
11. 28.3.19- htija fuq serq;
12. 26.4.19- htija fuq serq;[35]
13. 28.3.19- htija fuq serq;[36]
14. 26.4.19- htija fuq serq;
15. 28.1.2019- htija fuq serq;[37]

**Din il-Qorti taqbel pjenament ma' dak miktub u sottomess mill-ufficjal tal-probation pero' ma tistax taqbel li l-piena karcerarja ghandha tkun biss dik biex tkopri l-imputat halli jsegwi programm**

[34] Intbaghat 4 snin u 7 xhur habs effettivi.
[35] 3 snin habs effettivi.
[36] 9 xhur habs effettivi.
[37] 9 xhur habs effettivi.

**mir-rijabilitazzjoni tad-droga minhabba li kif turi l-istorja tieghu karcerazzjoni ghall-perjodi qosra u medji ma hallew l-ebda effett pozittiv fuqu.**

Il-Qorti hija preokkupata ferm li tara li l-imputat ghalkemm ghamel perjodi pjuttost twal inkarcerat u issa li ghandu ‘l fuq minn 50 sena ghadu ma sabx saqajh u qed jippersisti fl-ghemil rifrattarju tieghu u mhux biss qed jaghmel hafna hsara lilu inniffsu imma sahansitra l-imgieba refrattarja tieghu, wara dawn is-snin kollha, qed thalli effetti fuq terzi, ossija il-vittmi, li ma ghandhom assulutament xejn x’jahtu u qed ibaghtu l-konsegwenti tieghu!

Jidher li l-imputat ma tghallem xejn u ma jridx jaghmel sforz genwin biex jirranga hajtu halli ma jkunx ta’ periklu u hsara la ghalih u lanqas ghall-ohrajn u ghalhekk fl-opinjoni ta’ din il-Qorti ***piena karcerarja effettiva hija adegwata ghall-kaz odjern***. Jidher li l-imputat b’hekk biss jista’ jzomm ‘l boghod mid-droga, mill-hajja refrattarja tieghu kif ukoll ma jkunx ta’ periklu ghal nies ohra u forsi din tkun ghalih opportunita’ ohra biex fil-hitan tal-habs jirrejalizza dan kollu u juza dan iz-zmien a beneficcju tieghu. L-imputat ma ghandux skuzi, ghajnuna kien hemm u inaghtatlu mal-milja ta’ snin. Kien hu, u hu biss li ghazel it-triq li jippersevera fl-atti kriminali tieghu. Kulhadd jizbalja pero’ hu kellu diversi opportunitajiet biex jirranga triqtu. Ma jistax issa igib il-passat tieghu bhala skuza biex b’xi mod jibbenefika minn xi klemenza ta’ din il-Qorti. Il-fatt li hu issa huwa daru mal-hajt u ammetta l-akkuzi kif dedotti mal-ewwel dehera tieghu quddiem din il-Qorti ma jintitolahx awtomatikament ghal xi skont mill-piena karcerarja li bil-fors trid tkun wahda effettiva. Wiehed irid ifakkar li kif inhu ben

risaput l-ammissjoni bikrija ma tintitolax lill-imputat ghal xi skont mill-piena b'mod awtomatiku.[38]

Dawn il-Qrati ghandhom ukoll l-obbligu li jaraw li nies fi stat ta' perikolozita' bhall-imputat ma jithallewx jiggerrew barra qabel ma jkun assigurat li dawn ma jkunux ta' periklu serju u imminenti ghas-socjeta' in generali.

Il-Qorti hadet nota li f'dan il-kaz hemm *multiplicita'* ta' vittmi li barra t-trawma li possibiliment ghaddew minnha minhabba l-imputata jidher li ghadhom ma gewx rimborsati tal-hsara u telf fil-patrimonju taghhom mill-imputat. Din ukoll ghandha piz u valur ghal din il-Qorti. Il-Qorti ma dan izzid tghid li mhux bizzejjed li jghid li l-imputat jiddispjacih ghall-ghemilu, irid, barra li jaghmel sforz biex ibiddel serjament id-direzzjoni ta' hajtu jara kif b'xi mod jikkompensa lill-vittmi tieghu.

Din il-Qorti tawguralu li jsib lilu inniffsu u jibda jahdem fuq il-problemi serji tieghu sabiex johrog mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin bniedem mibdul, 'l boghod mill-vizzji li hakmuh matul is-snin.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 20, 31, 41, 49, 50, 261, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280,

[38] Ara f' dan is-sens is-seggwenti sentenzi decizi mill-Qorti tal-Appelli Kriminali- **Il-Pulizija vs Emanuel Testa** ( App. Nru. 152/2002) deciza per Onr. Imhallef Vincent De Gaetano; **Il-Pulizija vs Christ Paul Camilleri** ( app. Nru. 128/2018) per Onr. Imhallef Aaron Brugeja; **Il- Pulizija vs Costantino Felice et** ( App. Nru. 210/2007) per Onr. Imhallef Joseph Galea Debono, **Il-Pulizija vs Angel Attard** ( App. Nru. 148/2005) per Onr. Joseph Galea Debono, **Il-Pulizija vs Paul Calleja** ( App. Krim. 307/2008) per S.T. Onr. Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

289, 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib l-imputat **CHRISTOPHER SAMMUT HATI** tal-akkuzi kollha kif dedotti u tikkundannah ghal piena ta' **hames snin (5) prigunerija effettiva li minnhom ghandu jitnaqqas l-perjodu li hu inzamm taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn l-akkuzi**.

Inoltre ai termini tal-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-imputat biex ihallas lill-vittmi Shalaine Mar-Jos Pullicino is-somma ta' mija u ghoxrin Ewro (€120)[39], Steven Charles Abela is-somma ta' hamsin Ewro (€50)[40], Elizabeth Parnis is-somma ta' tlett elef Ewro (€3,000),[41] u lil Emanuel Stivala s-somma ta' tlettax-il elf Ewro (€13,000)[42] fi zmien sena minn meta l-hati jiskonta s-sentenza tieghu[43].

**Inotre, il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni qawwija ferm lid-Direttur Generali tas-Servizzi Korrettivi biex mil-lum stess jibda jitfassal programm ta' rijabilitazzjoni ghall-imputat sabiex b'hekk matul dan il-perjodu ta' karcerazzjoni johrog mill-problema akuta ta' droga, tigi indirizzata il-problema ta' uzura li qed jghid li jinsab fiha[44] u jibda b'xi mod jikkompensa lill-vittmi tieghu biex b'hekk wara li jiskonta din is-sentenza ikun denju li jerga' jaghmel parti minn din is-socjeta' u ma jkunx periklu serju ghalih innifsu u ghall-haddiehor.**

[39] Folio 64 tal-process.
[40] Folio 54 tal-process.
[41] Folio 84 tal-process.
[42] Folio 97 tal-process.
[43] Il-Qorti hija kompletament sprovvista b' cifri ohra li dawn il-vittmi jew l-vittmi ohra setghu sofrew u ghalhekk ma tistax timponi fuq il-hati xi refuzjoni ta' ammonti ohra li jistghu ikun hemm. Lanqas ma gew prezentati xi cifri dwar il-hsarat kommessi.
[44] Pagna 6 tar-rapport tal-probation officer.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-obbligi tieghu that din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

Dr Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Victor Deguara

Deputat Registratur.